**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**

**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**

**Frar 2014**

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ħames Sena** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart** |

**L-Isem u l-Kunjom:** ______________________ **Il-Klassi:** __________

| | **Il-Qari u l-Kitba** |
|---|---|
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |



## Għall-istudent/a

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' ikollok u timla dak li ħallejt barra.



*Aqra sew l-istorja:* **L-Avventura fix-Xelter**

Sebaħ is-Sibt filgħodu. L-ajru kien imċajpar u x-xemx bilkemm kienet tidher. Ma kenitx tidher li ġejja x-xita iżda kienet ftit tal-kesħa. It-tfal kienu ġejjin lura lejn id-dar mill-quddiesa tat-tmienja. Iz-ziju Pawl kien telaq għax-xogħol f'xi s-sebgħa u għalhekk it-tfal **kienu fuq ix-xwiek** biex ifittxu jaslu d-dar u jitolbu liz-zija tħallihom jinżlu jaraw ix-xelter. ***(par. 1)***

"Fil-kamra tal-għodda z-ziju għandu fanal," kien qed jgħidilhom Louis huma u sejrin lejn id-dar.
"Iva, fanal ikollna bżonnu," qalet Rita.
"U jien inġib biċċa xemgħa wkoll," żied magħhom Marjo u wara ftit waslu fuq l-għatba tad-dar. ***(par. 2)***

Malli fetħu l-antiporta u daħlu, jisimgħu leħen iz-zija Karm titkellem ma' mara oħra. It-tfal waqfu jħarsu lejn xulxin. Dak il-leħen l-ieħor kienu jafuh. Mela kienet ġiet għandhom is-Sinjura Roż. ***(par. 3)***

Is-Sinjura Roż kienet mara mibruma, wiċċha kbir u mpaħpaħ, u **xuxitha** ħamranija. Kellha par għajnejn ħfief u kbar dejjem imbissmin u x-xagħar ta' ħuġbejha kien imnittef u miżbugħ irqiq bil-lapes. Ħaddejha kienu ħomor nar bir-ruxx u xofftejha xejn anqas. Meta s-sinjura Roż taqbad tlablab ħadd ma kien iwaqqafha. Għalhekk bla kliem xejn, sellmu lis-sinjura Roż u daħlu jiġru fil-kċina biex jieħdu kikkra te u biċċtejn ħobż. ***(par. 4)***

Kienu għadhom ma spiċċawx il-kikkra te meta nstemgħet l-antiporta tinfetaħ u z-zija ssellem lis-sinjura Roż. Is-Sinjura kienet telqet! F'salt wieħed it-tfal qamu minn fuq il-mejda u telqu b'ġirja waħda lejn l-intrata biex ikellmu liz-zija. ***(par. 5)***

"X'fiha billi ninżlu fix-xelter, zi?" staqsietha Rita minnufih.
"Hemm isfel tistgħu tkorru," qalet iz-zija Karm.
"U mela aħna tfal żgħar...?!" qal Marjo. "Inżel magħna int ukoll, zi."
"Mela x'nagħmel!" għajtet iz-zija. "Sewwa, ikun hemm xi wirdiena!" Wara ftit **battibekki**, iz-zija qaltilhom fejn kellhom isibu l-muftieħ tax-xelter. Bla telf ta' żmien ħarġu fil-ġnien u baqgħu sejrin lejn ir-rummiena, fejn kien jinsab ix-xelter. ***(par. 6)***

Malli nfetaħ il-bieb għax-xelter, quddiemhom dehru daqs tnax-il tarġa mħaffrin fil-blat u 'l isfel dlam ċappa. Louis għadda quddiem u Marjo bil-kemm ma ħassux jibża' waqt li bdew niżlin it-taraġ. Malli niżlu t-taraġ tfaċċa quddiemhom kuritur twil li kien fih kamra fuq kull naħa. Daħlu fl-ewwel kamra, dik tal-lemin. Kienet imdaqqsa sewwa u ġo rokna kien hemm niċċa żgħira ġol-ħajt. Komplew iduru x-xelter kollu.
Mas-saqaf ta' kamra kbira kien hemm ħafna kliem miktub bil-ġmied. Kien hemm *"Victory"* daqsiex, *"12-3-41,"* wiċċ ikrah u *"Hitler"* miktuba taħtu u ħafna ħżuż oħrajn. Meta flew il-kamra kollha t-tfal reġgħu bdew ħerġin lura. ***(par. 7)***

(Silta adattata minn *'L-Għar tax-Xelter'* ta' Trevor Zahra)



| Taqsima A | Il-Qari | (30 marka) |
|---|---|---|

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** **(2 marki)**

a) Dakinhar kien

| | |
|---|---|
| | is-Sibt filgħodu. |
| | il-Ħadd filgħodu. |
| | il-Ħamis filgħodu. |

b) L-ajru kien

| | |
|---|---|
| | bnazzi. |
| | imċajpar. |
| | riħ isfel. |

**2. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** **(3 marki)**

a) Iz-ziju Pawl kien telaq (għall-għalqa, għax-xogħol, għall-quddies) fis-sebgħa ta' filgħodu.

b) It-tfal kienu fuq ix-xwiek biex jinżlu jaraw (l-għar, ix-xelter, il-kamra tal-għodda) taz-ziju Pawl.

ċ) Malli fetħu l-antiporta u daħlu, jisimgħu leħen (is-Sinjura Roż, iz-zija Karm, iz-ziju Pawl) titkellem ma' mara oħra.

**3. Fi kliemek għid xi jfisser dan il-kliem.** **(3 marki)**

a) kienu fuq ix-xwiek ***(par. 1)*** ______________________________

b) xuxitha ***(par. 4)*** ______________________________

ċ) battibekki ***(par. 6)*** ______________________________

**4. Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba minn din il-kaxxa.**

**(5 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| **kbir** | **~~mibruma~~** | **ħomor nar** |
| **ħfief** | **irqiq** | **ħamranija** |



Is-Sinjura Roż kienet mara ***mibruma***, wiċċha __________ u mpaħpaħ, u xuxitha ______________. Kellha par għajnejn __________ u kbar dejjem imbissmin, u x-xagħar ta' ħuġbejha kien imnittef u miżbugħ _____________ bil-lapes. Ħaddejha kienu ______________ bir-ruxx u xofftejha xejn anqas.

**5. Wieġeb.**

a. Fejn marru t-tfal wara l-quddiesa?

______________________________________________________**(marka)**

b. Ikteb frażi mis-silta li turik li t-tfal inħasdu meta semgħu leħen is-Sinjura Roż.

_____________________________________________________ **(marka)**

ċ. Għaliex taħseb li z-zija Karm ma ħaditx gost li t-tfal kienu se jinżlu fix-xelter?

_____________________________________________________ **(marka)**

d. Fi kliemek iddiskrivi d-daħla tax-xelter.

____________________________________________________________

_____________________________________________________**(2 marki)**

e. Għal xiex taħseb li kien jintuża x-xelter f'dak iż-żmien?

______________________________________________ **(2 marki)**

**6. Agħti l-<u>plural</u> tal-kliem li hemm fil-parentesi.** **(5 marki)**




Nhar is-Sibt, 5 t'Ottubru 2013, Malta ċċelebrat dak li ġie msejjaħ *Lejl Imdawwal – Notte Bianca.* Il-Belt ġiet invażata mill-***familji*** (familja) Maltin li telgħu l-Belt Valletta biex jaraw l- _______________ (attività) għaddejjin fit-toroq, _______________ (pjazza), _______________ (ġnien), _______________ (mużew), teatri u _______________ (ċentru) kulturali. Il-programm kien jinkludi mużika, arti, reċtar, żfin, films, sport, fotografija, storja, skultura u anke moda.

**7. Oħroġ <u>verb</u> mill-għerq fil-parentesi.** **(5 marki)**

L-akbar vapur li ***ħareġ*** (ħ-r-ġ) mill-Ingilterra kien it-*Titanic.* Kien l-akbar opra li qatt għamlu t-tarznari Ingliżi. Min qatt kien _____________ (b-s-r) x'kellu jiġri f'dik it-traġedja tal-1912 ? Ħafna qalu li dan il-vapur qatt ma seta' jiġrilu xejn. Dawk li __________________ (ħ-s-b) hekk marru żmerċ. Fl-14 ta' April ta' dik is-sena stess __________________ (ħ-b-t) fi blokka silġ. Fih _________________ (d-ħ-l) ħafna ilma sa ma _________________ (n-ż-l) fil-qiegħ.



| Taqsima B | Il-Kitba | (30 marka) |
|---|---|---|

1. **Il-kitba ta' sentenzi mqanqla minn stampa** **(5 marki)**

**Ikteb <u>ħames</u> sentenzi dwar din l-istampa.**



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**2. Il-kitba ta' informazzjoni personali** **(5 marki)**

**Immaġina li int kantant/a famuż/a u ġejt mitlub/a biex tniżżel din l-informazzjoni dwarek innifsek...**



| | |
|---|---|
| X'jismek u kemm ilek tkanta? | ________________ |
| Tifforma parti minn grupp ta' kantanti? | ________________ |
| Liema hi l-aktar ħaġa għal qalbek u għaliex? | ________________<br>________________ |
| Iddoqq xi strument? | ________________ |
| X'tixtieq tagħmel fil-futur? | ________________<br>________________ |

3. **Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma fuq <u>WIEĦED</u> minn dawn it-titli.** **(20 marka)**

a. **Ġurnata fl-Għalqa tan-Nannu**
*Mort ġurnata fl-għalqa tan-nannu. Għid kif qattajt il-ħin taħdem u tilgħab fil-kwiet tal-kampanja.*

b. **Stedina Straordinarja**
*Lejl wieħed kellek stedina mhux tas-soltu. Kellek l-okkażjoni tmur ġita fl-ispazju. Irrakkonta ftit x'ġara.*

ċ. **Iddeskrivi l-kamra tiegħek u għid kif tqatta' il-ħin fiha.**

d. **Ħares sewwa lejn dawn l-istampi u rrakkonta l-istorja li qed tara. Agħti titlu lil din l-istorja.**



**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-komponiment.**

**(bla marki)**

**Komponiment: ______ (Ikteb a, b, ċ jew d)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**